## Sejħa għal espressjoni ta' interess għall-għoti ta' servizz bħala Resource Leader għat-tisħiħ fil-litteriżmu permezz tal-isports f'Għawdex (it-tielet sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden lill-kandidati eliġibbli li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom bħala Resource Leader għat-tisħiħ fil-litteriżmu permezz tal-isports, f'Għawdex, għall-perjodu mill-bidu ta' Jannar 2023 sa l-aħħar ta' Ġunju 2023, biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu dan is-servizz. Is-servizz qed jintalab fuq bażi ta' kuntratt għal servizz sa massimu ta' 10 sigħat fil-ġimgħa. Is-servizz jitħallas b' €11.23 fis-siegħa, inkluża l-VAT jekk applikabbli. L-applikanti għandhom ikunu regolarment disponibbli jumejn fissi mit-Tnejn sal-Erbgħa mis-13:30 sal-16:30 għal tul il-kuntratt. L-applikanti se jintalbu jattendu għal intervista.

### 1. Dmirijiet u Responsabbiltajiet Ewlenin

Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-kandidat/i magħżula jinkludu:
l-ippjanar, it-tħejjija, l-organizzazzjoni u l-għoti ta' firxa varjata ta' attivitajiet u programmi sportivi għal tfal u żgħażagħ bejn is-6 snin u t-13, maħsuba biex itejbu l-ħiliet tal-litteriżmu tagħhom;

- it-tħejjija, l-immaniġġjar u s-superviżjoni tat-tagħmir sportiv kollu meħtieġ għall-attivitajiet;
- is-sostenn ta' ambjent sikur għall-parteċipanti kollha matul l-attivitajiet sportivi;
- il-kollaborazzjoni mal-Promoturi tar-Riżorsi tal-Litteriżmu fit-tħejjija, l-organizzazzjoni u t-twettiq tal-attivitajiet sportivi kollha;
- ħidma flimkien bħala tim li tikkontribwixxi għal programmi differenzjati u l-evalwazzjoni tal-livelli tal-litteriżmu.
- ħidma kollaborattiva mal-partijiet ikkonċernati relevanti biex jiġu pprovduti servizzi/inizjattivi ta' kwalità u f'waqthom;
- iż-żamma ta' rekords, profili u statistika regolari kif meħtieġ.

### 2. Kriterji ta' Eliġibbiltà

2.1 Kwalifika ta' kowċ maħruġa minn organizzazzjoni tal-isport reġistrata u rikonoxxuta minn Sport Malta.
2.2 Mill-inqas 10 snin esperjenza bħala plejer tal-futbol.
2.3 Mill-inqas 5 snin esperjenza bħala kowċ fil-futbol.
2.4 ĊES (Gradi 1-5) bil-Malti, l-Ingliż u l-Matematika, u suġġett ieħor, preferibbilment suġġett tax-xjenza, jew ekwivalenti, jew ogħla.
2.5 Kompetenza fl-applikazzjonijiet tal-IT fil-livell tal-ECDL speċjalment Word u email, jew ekwivalenti.
2.6 Profiċjenza fil-Malti u fl-Ingliż, mitkellma u miktuba.
2.7 Ċertifikat validu ta' kors fil-First Aid. Kandidati li m'għandhomx dan iċ-ċertifikat jiġu kkunsidrati wkoll iżda jkollhom jagħmlu kors tal-First Aid fl-iqsar żmien possibbli.
2.8 Ċertifikat tal-kondotta nadifa maħruġ riċentement mill-Pulizija ta' Malta.

Applikanti (i) b'esperjenza ta' futbol internazzjonali ta' mill-inqas sena fil-livell tat-tim nazzjonali u/jew (ii) bi kwalifika akkreditata post-sekondarja jew terzjarja fl-isport jew f'oqsma relatati mal-isports jingħataw preferenza.
Tiġi kkunsidrata esperjenza preċedenti fl-għoti tal-programm 'Bil-Qari u bil-Kitba Niskorja' jew programmi sportivi/edukattivi oħra.

*F'każ li ma jkunx hemm applikanti li jissodisfaw il-kriterji kollha, jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet minn kandidati li ma jissodisfawx xi waħda minn dawn il-kriterji: 2.2, 2.3, 2.4, jew 2.5.*

### 3. Applikazzjonijiet

Il-kandidati għandhom jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenza f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom bl-email lil nlarecruitment@ilearn.edu.mt jew bil-posta rreġistrata jew bl-idejn lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, NCC, Triq Joseph Abela Scolaro, il-Ħamrun HMR 1304 sa mhux aktar tard **mill-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022 f'nofsinhar.**

Deskrizzjoni aktar dettaljata tax-xogħol tinstab fuq www.education.gov.mt/nla. F'każ ta' mistoqsijiet, jekk jogħġbok ibgħat email lil nlarecruitment@ilearn.edu.mt jew ċempel lill 25983325.

## Call for expression of interest for the services of Enhancing literacy through sports (ELS) Resource Leader in Gozo (third call)

The National Literacy Agency invites eligible candidates who would like to offer their services as Enhancing literacy through sports (ELS) Resource Leader, in Gozo, for the period from the beginning of January 2023 to the end of June 2023, to express their interest to provide such service. The service is being requested on a contract for service basis of up to 10 hours of service per week. Service is remunerated at Euro 11.23 per hour, inclusive of VAT if applicable. Applicants must be regularly available on two fixed working days from Monday to Wednesday from 13:30 to 16:30 for the duration of the contract. Applicants will be required to sit for an interview.

### 1. Main Duties and Responsibilities

The duties and responsibilities of the selected candidate/s shall include:

- planning, preparing, organising and delivering a varied range of sport activities and programmes for 6- to 13-year-olds intended to enhance literacy skills;
- setting up, managing and supervising all sport equipment needed for the activities;
- ensuring a safe environment for all participants during the sport activities;
- liaising with the Literacy Resource Leaders in the preparation, organisation and delivery of all sport activities;
- through a team-based approach, contributing to differentiated programmes and evaluating literacy levels.
- maintaining a collaborative working relationship with the relevant stakeholders to ensure that quality and timely services/initiatives are provided;
- keeping regular records, profiles and statistics as necessary.

### 2. Eligibility Criteria

2.1 Any coaching qualification by a registered sport organisation recognised by Sport Malta.
2.2 At least 10 years experience as a footballer.
2.3 At least 5 years coaching experience in football.
2.4 SEC (Grades 1-5) in Maltese, English and Maths, and another subject, preferably a science subject, or equivalent, or higher.
2.5 Competency in IT applications at ECDL Level especially Word and email, or equivalent.
2.6 Fluency in Maltese and English, spoken and written.
2.7 Hold a valid First Aid certificate course. Candidates who do not possess this certificate will be also considered but they will have to undertake a First Aid course at the first available opportunity.
2.8 Hold a clean valid police conduct certificate.

Applicants (i) with international experience of at least one year at national team level and/or (ii) with accredited post-secondary or tertiary qualification in sports or sports related fields will be given preference.
Prior experience delivering the 'Footballers' Read and Write Programme' or other sports/ educational programmes will be taken into consideration.

*In the absence of applicants who satisfy all the criteria, applications will be considered from candidates who do not meet one of the following criteria: 2.2, 2.3, 2.4, or 2.5.*

### 3. Applications

Candidates should submit their expression of interest, together with a summary of qualifications and experience in a Europass Curriculum Vitae format and a copy of their relevant scanned certificates by email to nlarecruitment@ilearn.edu.mt or by registered post or by hand to the National Literacy Agency, NCC, Joseph Abela Scolaro Street, Ħamrun HMR 1304 by not later than **Friday, 25th November 2022 at noon.**

A more detailed job description can be found on www.education.gov.mt/nla. In case of queries, please send an email to nlarecruitment@ilearn.edu.mt or call 25983325.